# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 10 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 501/00**

**Numru 31**

**Atlas Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, gia' Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagha Carmel Taliana u l-istess Carmel Taliana.**

**vs**

**Victor Micallef**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tmien mija u tlettax-il lira tnejn u tletin centezmu (Lm813.32c) - in kwantu ghal seba' mija tlieta u sittin lira tnejn u tletin centezmu (Lm763.32c) lil Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsin lira (Lm50) lil Carmel Taliana - in linea ta' danni mill-konvenut kagunati u mill-atturi

sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Msida fis-7 ta' Ottubru 1999 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru IAE 839 habat mal-vettura Nru JLT 101, propjeta' tal-attur Carmel Taliana u misjuqa min Monica Taliana - prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperzja, negligenza u inosservanza tar-regoalmenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mill-10 ta' Jannar 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-21 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta' Lm763.32,0 u lill-attur, Carmel Taliana, is-somma ta’ Lm50 b’kollox Lm813.32,0 bl-imghax legali mill-10 ta’ Jannar 2000 sad-data sal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali tal-10 ta’ Jannar 2000 u tal-24 ta’ April 2000 imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg